A.L. 30 ta' l-1981

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1981 dwar in-Nolijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 297 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 dwar in-Nolijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex, u għandhom jibdew iseħħu fis-16 ta' Marzu, 1981.

Nolijiet bejn iċ-Ċirkewwa jew Sa Maison u Għawdex.

2. In-nolijiet li jitħallsu minn passiġġieri u vetturi għall-vjaġġ miċ-Ċirkewwa jew Sa Maison għal Għawdex, jew lura, għandhom ikunu dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Jirrevoka l-A.L. 100 ta' l-1978.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1978 dwar in-Nolijiet għal Servizz tal-Valiġġa u tal-Passiġġieri għal Għawdex huma b'dawn revokati.

SKEDA

(Regolament 2)

Nolijiet

	Vjaġġ wieħed £	Vjaġġ bir-ritorn £
1. Persuni li jaqsmu mill-Imġarr Għawdex sa Sa Maison jew lura —		
(a) ta' l-età 'il fuq minn 12-il sena	—.65,0	1.30,0
(b) bejn it-3 u t-12 il-sena	—.35,0	—.65,0
2. Persuni li jaqsmu mill-Imġarr Għawdex għaċ-Ċirkewwa jew lura —		
(a) ta' l-età 'il fuq minn 12-il sena	—.50,0	1.00,0
(b) bejn it-3 u t-12 il-sena	—.25,0	—.50,0
(ċ) fuq servizz speċjali ta' bil-lejl		
(i) ta' l-età 'il fuq minn 12-il sena	1.50,0	—
(ii) bejn it-3 u t-12-il sena	1.00,0	—
3. Kull persuna —		
(a) li taqsam mill-Imġarr Għawdex għaċ-Ċirkewwa ma' l-ewwel vjaġġ u li tmur lura miċ-Ċirkewwa jew Sa Maison fuq xi vjaġġ ieħor bi nhar matul l-istess jum jew xi jum ieħor	—	—.30,0

		Vjaġġ wieħed £	Vjaġġ bir-ritorn £
	(b) li jkollha permess maħruġ mill-Gozo Channel Co. Ltd biex taqsam minn Għawdex għal Malta jew lura fuq liema vjaġġ ikun ...	—	—.30,0
4.	Roti	—.15,0	—
5.	*Motorcycles*	—.35,0	—
6.	Karrozzi	1.75,0	3.50,0
7.	Vannijiet (b'roti singli jew doppji)	3.00,0	—
8.	Trakkijiet:—		
	(a) b'*Short wheel base* —		
	(i) vojta	5.50,0	—
	(ii) mgħobbija	9.00,0	16.00,0
	(b) b'*Medium wheel base*		
	(i) vojta	9.00,0	—
	(ii) mgħobbija	13.50,0	24.00,0
	(ċ) b'*Long wheel base*		
	(i) vojta	11.00,0	—
	(ii) mgħobbija	15.50,0	28.00,0
9.	*Trailers*:—		
	(a) vojta	18.00,0	—
	(b) mgħobbija	20.00,0	36.00,0
10.	*Surcharge* —		
	Vetturi kummerċjali mgħobbija iżjed mit-tunnellaġġ reġistrat tagħhom, jew iżjed minn 30 cm mill-ogħli tal-kabina tas-sewwieq jew iżjed mit-tul jew mill-wisa' oriġinali tal-*platform* tal-vettura	2.50,0	—